# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NUMRU 2411

### Chairman: Dr Leslie Cuschieri Cert.Dip.Stud., LL.D.

**Kaz Numru 3158/LC**

**Fil-kwistjoni tax-Xoghol bejn**

**Charles Tonna (ID.No 607552M)**

**vs**

**Riviera Resort Limited (C23519) u Meeting Point Hotel Management (Malta) Limited (C54097)**

**Dwar allegazzjoni ta' ksur tal-ligi li timponi r-regola ta' equal pay for equal work bi ksur tal-Artikoli 26 et sequitur tal-Ka. 452 tal-Ligijiet ta' Malta**

Illum 20 ta' Ottubru 2015

Dan il-kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali b'rikors ta' Charles Tonna pprezentat fir-Registru tal-Qorti fid-19 ta' Settembru 2013 tramite l-avukat Dottor Matthew Grech. Ghall-iskopijiet ta' Artikolu 78 ta' Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta jinghad li dan il-kaz ma setghax jigi deciz fiz-zmien moghti bil-ligi sew minhabba li kien hemm bidla fic-Chairman ta' dan it-Tribunal u sew minhabba li s-smiegh tax-xhieda ha fit-tul.

DIKJARAZZJONIJIET

Fir-rikors tieghu, ir-rikorrent jghid li huwa kien gie impjegat mas-socjeta` intimata Meeting Point Hotel Management (Malta) Limited li hija l-aventi causa tas-socjeta' Riviera Resort Limited fuq bazi full-time b'mod indefinittiv bhala Resort Support and Security Officer, u dan kif jirrizulta ahjar mill-kuntratt ta' impieg tieghu datat 14 ta' Jannar 2009; jghid li fl-ahhar xhur huwa

sar jaf li kien qed jithallas ferm anqas mill-impjegati l-ohra fl-istess grad tieghu u li jaghmlu l-istess xoghol identitku tieghu u dan bi ksur tal-ligi li timponi r-regola tal-'equal pay for equal work' bi ksur tal-Artikoli 26 et seq tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta; jghid li wara li huwa ressaq l-ilment tieghu verbalment mal-General Manager, is-sur Joe enech, huw pprezenta ittra ufficjali datata 8 ta' Lulju 2013 kontra s-socjeta' intimata dwar tali agir diskriminatorju fil-konfront tieghu , u interpellaha sabiex fil-waqt li taggusta l-paga tieghu b'€65.60 aktar fix-xhar, thalllas uklll l-arretrati kollha dovuti fi-differenza tal-paga li kien qieghed jithallas anqas mill-impjegati l-ohra fl-istess grad tieghu u dan mid-data tal-kuntratt tal-impieg tieghu, u cioe mill-14 ta' Jannar 2009. Jghid li anke l-kumpanija intimata rrikonoxxiet li l-paga tar-rikorrenti kellha tkun oghola tant li kitbitlu biex tghidlu li b'effett mill-1 ta' Lulju 2013 l-paga tieghu kienet ser toghlielhu biex tigi daqs tal-impjegati l-ohra. Jghid li s-socjeta' intimata rrispondiet ghall-ittra ufficjali tieghu billi stqarret li d-differenza fil-paga kinet gustifikata u li l-rincipju tal-equal pay for equal work ma kienx jirrestringiha; pero tghid li l-paga tar-rikorrent giet awmentata biex tilhaq lil dik tal-ohrajn, pero' m' accettatx li thallas arretrati ghaz-zmien li r-rikorrent kien b'paga baxxa, u cioeċ ghall-perjodu tal-14 ta' Jannar 2009 sa Gunju 2013, liema paga imhallsa inqas hija ta' €3471.50.

Ir-rikorrent talab (1) li jigi dikjarat li l-intimati, jew min minnhom, iddiskriminaw kontrih bi ksur tal-Artikolu 26 et seq tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta meta kienu jhallsuh b'rata ta' paga anqas mill-impjegati bhalu fl-istess grad u bl-istess xoghol fil-perjodu ta' bejn l-14 ta' jannar 2009 u Gunju 2013; (2) li l-intimati, jew min minnhom, jigu ordnati ihallsuh id-differenza fil-paga fil-perjodu imsemmi ammontanti ghal €3471.50; (3) li s-socjetajiet intimati jew min minnhom jigu ordnati jhallsuh kumpens gust; u (4) li jinghata kwalunkwe ordni ohra u azzjoni ohra xierqa u opportuna fic-cirkostanzi. Fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz tieghu, ir-rikorrent ikkonferma l-istess.

Is-Socjeta' Riviera Resort Limited irrispondiet billi ddikjarat li l-kumpanija kellha tigi mehlusa mill-osservanza tal-gudizzju in kwantu mhijiex il-ligittimu kontradittur tat-talbiet tar-rikorrent galadarba l-istess Charles Tonna ma huwiex

impjegat ta' Riviera Resort Limited peress li kienet ittrasferiet kull interess li kellha fil-lukand Riviera lis-socjeta' intimata l-ohra sa minn Dicembru 2011. Tghid ukoll li hija ma kiseret l-ebda obbligu legali inkombenti fuqha a detriment tal-istess rikorrent, oltre li t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda in kwantu l-principji legali kkwotati minnu in sostenn tat-talbiet tieghu ma humiex applikabbli ghac-cirkostanzi ta' dan il-kaz.

Is-Socjeta' Meeting Point Management (Malta) Limited irrispondiet li t-tlabiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda stante li s-socjeta' intimata ghandha diskrezzjoni li tiddetermina hi l-pagi tal-impjegati taghha a bazi, fost affarijiet ohra, ta' anzjanita'. Tghid li r-rikorrent kien ilu impjegat ferm inqas mill-impjegati l-ohrajn minnu riferit, u li allura a bazi ta' anzjanita' l-principju ta' *equal pay for work of equal value* ma jissussistix mill-bidu nett tal-impieg tieghu. Tqajmet il-preskrizzjoni kontemplata bl-Artikolu 47(1) fejn l-azzjoni trid tigi proposta fi zmien sena, u ntalab li t-talbiet tar-rikorrent jigu michuda. Fid-Dikjarazzjoni din is-socjeta' ddikjarat li l-haddiema tar-Riviera Resort Ltd gew trasferiti ghal ma' Meeting Point Management (Malta) Limited bil-kundizzjonijiet li kellhom b'kollox u r-rikorrent qatt ma lmenta dwar il-paga tieghu. In oltre l-kumpanija awmentat il-paga tar-rikorrent sa minn qabel ma r-rikorrent hareg ittra ufficjali sabiex jitlob awment fil-paga tieghu, u dan b' €65.60 fix-xahar. Il-kumpanija tichad dak li jghid ir-rikorrent li l-kumpanija ammettiet li d-differenza fil-paga kien frott ta' zball, izda ziedet il-paga biex ir-rikorrent jibda jithallas daqs shabu, ghalkemm kienu ilhom fl-impieg ferm aktar minnu.

PRELIMINARI

Qabel l-ewwel seduta effettiva, li nzammet fit-28 ta' Jannar 2014, ic-Chairman precedenti ta'dan it-Tribunal rrikuzat ruhha, biex imbaghad f'din is-seduta giet trattata l-eccezzjoni preliminari dwar min hu l-legittimu kontradittur. Sussegwentement fis-seduta tal-4 ta' Marzu 2014 gie maqbul li l-kaz jinstema' u jigi deciz kollu, bil-mertu ukoll.

IL-PROVI MIGJUBA

Ir-rikorrent jispjega b'affidavit kif kien impjeat ma' Riviera Resort Limited bhala resort support and security, imbaghad l-impjegati gew imfurmati li t-tmexxija tal-kumpanija kienet ser tghaddi f'diejn il-Meeting Point Hotel Mangement (Malta) Limited, pero' kulhadd kellu jzomm postu u l-kundizzjonijiet tal-impieg li kellu. Imbaghad kien sema kliem fis-sens li shabu Jimmy Camilleri u Albert Vella, li kienu jahdmu ezattament bhalu, kellhom paga oghola minn tieghu. Ir-rikorrent mar jipprotesta fuq dan mal-General Manager Joseph Fenech, li minn naha tieghu l-ewwel innega u imbaghad ammetta u offra lir-Rikorrent li jghollilu l-paga b'nofs id-differenza, u dan sa' Lulju 2014 – xahar qabel ma r-rikorent jirtira bil-penzjoni. Ir-rikorrent ma accettax u inkariga l-avukat biex jirrapprezentah fil-pretensjoni tieghu. Wara dan il-kumpanija ghollietlu l-paga daqs ta' shabu b'effett mill-1 ta' Lujlu 2013. Jghid li l-pretensjoni tieghu hija ta' €3471.50 ta' salarju mhallas nieqes, liema salarju kien dovut jithallas lilu in parti mill-intimata Riviera Resort Ltd u in part mill-initmata Meeting Point Management (Malta) Limited. Aktar tard in kontroezami r-rikorrent jghid li huwa kien gab il-licenzja biex jahdem ta' security wara li spicca mill-impieg tieghu fil-Forzi Armati ta' Malta f'xi l-2007 jew 2008. Huwa qatt ma gab prova ta' meta gab din il-licenzja, pero' jghid li kien gie infurmat li bhala impjegat tal-Armata huwa seta' jahdem ta' Security minghajr ma jgib il-licenza; madankollu huwa gab il-licenzja xorta wahda.

L-executive secretary Maria sive May Fenech xhedet kif ir-rikorrent l-ewwel dahal jahdem part time, imbaghad ghamel sena xoghol b'kuntratt ghal sena, imbaghad fl-14 ta' Jannar 2009 beda b'kuntratt ghal zmien indefinit. Tghid li sia hu kif ukoll shabu s-Security and Support Officers hadu biss iz-zidiet tal-gholi tal-hajja, u mhux gholitilhom il-paga. Tispjega permezz ta' dokument MF1 li fil-waqt li Jimmy Camilleri u Albert Vella bdew l-impieg taghhom b'salarju ta' Lm346.25 (flus Maltin) fl-2003, ir-rikorrent beda fl-2008

b'Lm353.83, igifieri aktar minn shabu. Tghid li inghata ftit aktar biex ipatti ghaz-zieda fl-gholi tal-hajja. Meta dahal ir-rikorrent, shabu kienu gawdew miz-zidiet tal-gholi tal-hajja kollha u waslu ghal Lm381.99, fejn id-differenza kienet ekwivalenti ghal €65.60 fis-sena. Din id-diskrepanza baqghet tissussisti sa Gunju 2013. Tghid li meta r-rikorrent dahal fl-2008, shabu kienu ilhom fl-impieg u kellhom l-esperjenza mentri hu ma kellu xejn. Tghid li l-impjegat kellu bzonn hames snin biex igib l-esperjenza necessarja u jkun jista' jgawdi minn paga ugwali ghal ta' shabu. Fl-2013 huwa talab zieda u z-zieda inghatatlu. Tghid li fl-2011 il-lukanda ghadiet f'idejn is-socjeta intimata l-ohra, u nzamm kollox kif kien, anke l-kundizzjonijiet tal-impieg. Hija tikkonferma li ghall-ewwel il-kumpanija kienet ser izzid il-paga tar-irkorrent b'nofs id-differenza, imma r-rikorrent ma accettax u f'Lulju 2013 inghata d-differenza kollha. Aktar tard regghet xhedet u kkonfermat li hi, bhall-impjegati kollha ta' Riviera Resort and Spa, zammet dik il-kariga li kellha meta giet trasferita ghal ma' Meeting Point Management (Malta) Limited. Tghid li t-take-over sar mill-1 ta' Dicembru 2011. Gie esebit kuntratt kunfidenzjali tax-xiri tal-lukanda, fejn fost affarijiet ohra l-kumpanija Riviera Resort Limited obbligat ruhha li tkun responsabbli ghall-kredituri u debituri kollha sat-30 ta' Novembru 2011, u li l-hlasijiet kollha dovuti lill-impjegati sa dakinhar thallashom hi. Imbaghad dak kollu li jigi mill-1 ta' Dicembru 2011 'il quddiem ikun a karigu tas-socjeta' Accomodation Property Investments Limited, li skond din ix-xhud imbaghad ghaddiet ir-responsabbilta' tal-haddiema direttament lis-socjeta' intimata Meeting Point Management (Malta) Limited.

Ic-Chief Security Simon Gauci spjega kif ir-rikorrent kien iddahhal mar-Riviera Resort and Spa bi prova, imbaghad zammewh fi grupp ta' erba' Security.

Joseph Fenech, il-General Manager, jghid li sa fejn jaf hu r-rikorrent kien qed jinghata paga inqas minn shabu ghax kien ghadu gdid u kien ghad irid igib l-esperjenza, izda wara xi zmien l-impjegat jitghallem xogholu sewwa u ghandu jibda' jaqla' daqs l-ohrajn. Jikkonferma li apparti z-zieda li ha r-rikorrent fl-

2013, iz-zidiet kollha l-ohra li ha hu u shabu kienu kollha tal-gholi tal-hajja. Jghid li r-rikorrent ma hax kors biex jitghallem xogholu: ma kien jaf xejn fuq security pero' tghallem minn ghand shabu l-ohra li kienu dahlu fl-impieg qablu. Jghid li bhala policy xi hadd li ghad irid jitghallem kellu jkollu paga inqas imbaghad toghlielu bhal tal-ohrajn wara xi 5 jew 6 snin, ghaliex "issa li kellu jithgallem tghallem u ghandu jigi trattat daqs l-ohrajn."

KONSIDERAZZJONIJIET

Dan it-Tribunal ghandu sitwazzjoni fejn ir-rikorrent beda jithallas inqas minn shabu fl-istess impieg, ghax kien ghad irid jitghallem xogholu. Il-haddiema tas-socjetajiet intimati jghidu li Jimmy Camilleri u Albert Vella kienu qed jithallsu izjed ghaliex kellhom is-seniority li biha gholew fil-paga; pero' dan mhux il-kaz ghaliex il-paga taghhom gholiet biss biz-ziedet moghtija ghall-gholi tal-hajja. Il-hajja toghla ghal kulhadd, anke ghal dawk li ghad iridu jigu impjegati wara. Ghalhekk dan l-argument tas-seniority ma japplikax ghall-kaz odjern peress ma kienx hemm sistema ta' zidiet fil-paga a bazi tas-seniority. Mill-banda l-ohra min ihaddem ikun gustifikat li jiddistingwi bejn impjegat gdid li ghad irid jitghallem xogholu, u impjegat fl-istess grad li mhux biss gia' jaf xogholu, imma addirittura irid joqghod jghallmu lill-impjegat il-gdid.

Dan it-Tribunal ihoss li ghal certu perjodu min ihaddem huwa gustifikat jiddistingwi bejn impjegat li qed jitghallem u allura l-output tieghu huwa inqas minn ta' haddiem mghallem, minn haddiem mghallem li l-output tieghu huwa shih, oltre li kif inghad ikollu anke jaghmel dik ix-xi haga izjed biex maz-zmien jghallem lill-impjegat il-gdid. Huwa difficli tistabbilixxi kemm hemm bzonn zmien biex ufficjal tas-Sigurta' f'lukanda jitghallem xogholu kollu sewwa u b'efficjenza: minn banda jinghad li aktar ma timmatura fix-xoghol aktar taghmel ix-xoghol sew, u mill-banda l-ohra jinghad li l-perjodu tat-taghlim ma jistax ikarkar snin twal. F'dan il-kuntest dan it-Tribunal ihoss li ghandha tittiehed medja ta' tliet snin biex ufficjal tas-sigurta' jitghallem xoghol sewwa u jahdem b'efficjenza, u allura r-rikorrent kellu jibda jircievi salarju

daqs shabu wara li ghamel tliet snin full-time fl-impieg. Jirrizulta li r-rikorrent kien ilu fl-impieg full-time mill-14 ta' Jannar 2008, u allura fl-14 ta' Jannar 2011 huwa kellu jibda jithallas bhal shabu l-ohra. Is-socjeta' intimata Riviera Resort Limited kienet dak iz-zmien responsabbli mill-paga tar-rikorrent, u baqghet hekk responsabbli sa Novembru 2011, igifieri ghaxar (10) xhur u nofs .

Pero' jirrizulta li r-rikorrent spicca jahdem ma' Riviera Resort Limited fl-ahhar ta' Novembru 2011, u ghalhekk in kwantu r-Rikorrent qed ifittex rimedju taht l-Artikolu 26 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta, hija applikabbli d-dekadenza taht l-Artikolu 30 tal-istess Att li tipprefiggi terminu ta' erba' xhur biex tinbeda l-azzjoni. Issa din l-azzjoni giet inizjata f'Settembru 2013, li jigu kwazi sentejn wara li kien inkiser l-Artikolu 26 citat. Ma jistax jinghad l-istess in rigward tas-socjeta' intimata Meeting Point Hotel Management (Malta) Limited in kwantu l-gurisprudenza tghallimna li d-dekadenza tal-erba' xhur tibda tiddekorri minn meta tkun waqfet id-diskriminazzjoni. Fil-kaz odjern id-diskriminazzjoni waqfet f'Lulju 2013, mentri dan il-kaz infetah f'Settembru 2013, u cioe' fiz-zmien tajjeb. Il-preskrizzjoni ta' sena imqajma minn din il-kumpanija mhix applikabbli in kwantu dik tirreferi ghal kawzi fil-Qorti tal-Magistrati ghal nuqqas ta' hlas ta' pagi. Bejn Dicembru 2011 u Gunju 2013 kien hemm 19 –il xahar li fihom ir-rikorrent thallas €65.60 inqas minn shabu. B'hekk fuq 19 –il xahar ir-rikorrent thallas €1,246.40 inqas minn shabu fl-istess grad, u dawn ghandhom jithallsu lilu. In oltre dan it-Tribunal ser jillikwida ammont nominali ta' kumpens addizzjonali in kwantu din is-socjeta' intimata messha m'ghaddietx lir-rikorrent minn dan kollu biex taghtu dak li haqqu. Dan l-ammont nominali qed jigi likwidat fl-ammont ta' €653.60, biex b'hekk l-ammont komplessiv dovut mis-socjeta' intimata Meeting Point Management (Malta) Limited lir-rikorrent huwa ta' €1,900.00.

<u>DECIZJONI</u>

Ghaldaqstant, wara li dan it-Tribunal ra l-atti kollha ta' dan il-kaz, it-Tribunal qieghed jiddeciedi u jiddikjara li r-rikorrent ma kienx qed jithallas bhal haddiema fil-grad tieghu, pero tali differenza kienet gustifikata fl-ewwel tliet snin meta r-rikorrent kien ghadu qed jithallem ix-xoghol li ghalih gie impjegat; tiddikjara li s-socjeta' Riviera Resort Limited kienet tenuta thallas ghaxar xhur u nofs ta' differenza fil-paga izda l-azzjoni kontra taghha inbdiet tardivament; u fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' intimata Meeting Point Management (Malta) Limited, tiddikjara li din hija tenuta thallas lir-rikorrent €1246.40 bhala hlas nieqes fil-paga, oltre €653.60 bhala kumpens nominali likwidat minhabba l-imsemmija diskriminazzjoni. Il-hlas komplessiv ta' €1,900 ghandu jsir fi zmien xahar mill-lum. Ghall-finijiet tal-Kap 452 tal-ligijiet ta' Malta rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta' tlieta u disghin Euro (€93.00). B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

Dr Leslie Cuschieri
Chairman